



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Mejju 2017
(OR. en)

8654/17

COSI 85
ENFOPOL 203
CRIMORG 90
ENFOCUSTOM 109
CYBER 64
JAI 377

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8420/2/17 REV 2	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall- għlied kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja bejn l-2018 u l-2021

Wara diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Grupp ta' Appoġġ COSI li ltaqa' fit-12 ta' Mejju 2017, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-għlied kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata bejn l-2018 u l-2021, li ser jiġi ppreżentat lill-COREPER/Kunsill għall-adozzjoni.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ISTABILIMENT TAL-
PRIJORITAJIET TAL-UE GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ SERJA U
ORGANIZZATA
BEJN L-2018 U L-2011**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR li Ċiklu ta' Politika inizjali u mnaqqas tal-UE għal kriminalità internazzjonali organizzata u serja għe implimentat bejn l-2012 u l-2013 abbażi tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità maqbulin mill-Kunsill fid-9-10 ta' Ġunju 2011¹, segwit minn Ċiklu ta' Politika tal-UE sħiħ bejn l-2014 u l-2017 abbażi tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità maqbulin mill-Kunsill fis-6-7 ta' Ġunju 2013²,

FILWAQT LI JILQA' l-miżuri li ħadu l-Istati Membri flimkien mal-Aġenziji ĠAI biex jimplimentaw iċ-Ċikli ta' Politika tal-UE 2012-2013 u 2014-2017, b'mod partikolari fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs), li kkontribwixxew għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JINNOTA n-natura operazzjonali miżjuda taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, li tippermetti li t-theddiet ewlenin li qed tiffaċċa l-UE jiġu indirizzati b'mod ikkoordinat u strutturat,

FILWAQT LI JIBNI fuq l-esperjenzi miksuba fl-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, li ntużaw għall-iżvilupp taċ-Ċiklu tal-Politika għdid tal-UE għall-perijodu 2018-2021³, li għe miftiehem mill-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2017,

FILWAQT LI JINNOTA li skont il-metodoloġija taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, il-Kunsill irid jidentifika l-prijoritajiet tal-UE marbuta mal-kriminalità għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

¹ 11050/11
² 12095/13
³ 7704/17

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li jiġi stabbilit numru limitat ta' prijoritajiet tal-UE marbuta mal-kriminalità li jkunu jistgħu jiġu realistikament implimentati fil-livell Ewropew u, fejn rilevanti, dak nazzjonali jew reġjonali abbażi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) annwali skont il-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) maqbula,

FILWAQT LI JAPPELLA lill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji biex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jiżguraw implimentazzjoni operazzjonali taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, li teħtieġ biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji, sensibilizzazzjoni kif ukoll rikonoxximent. Il-parteċipazzjoni ta' esperti u l-għoti adegwat ta' setgħa lilhom huwa meħtieġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs),

FILWAQT LI JAPPELLA lill-atturi kollha jassumu, fejn rilevanti, ir-rwol ta' muturi, komuturi u mexxejja tal-azzjoni għall-prijoritajiet rispettivi tal-UE marbuta mal-kriminalità,

FILWAQT LI JILQA' l-miżuri li ttieħdu mill-Europol, il-Frontex, il-Eurojust u s-Cepol biex jappoġġaw l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika,

FILWAQT LI JINNOTA n-natura dejjem aktar trasversali tal-kriminalità u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn prijoritajiet differenti,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, fosthom l-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, għandhom jikkooperaw mill-qrib ħafna fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE marbuta mal-kriminalità, u b'dan il-mod jiżguraw approċċ multidixxiplinari u bejn aġenziji differenti. Il-kooperazzjoni tajba bejn il-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera, id-dwana, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE hija kruċjali f'dan ir-rigward,

FILWAQT LI JILQA' l-fatt li ħafna mill-azzjonijiet operazzjonali fl-2016 kienu jinvolvu sieħba mhux tal-infurzar tal-liġi u li l-impenn lejn l-imsieħba privati żdied, kif ukoll l-implikazzjoni tal-awtoritajiet tad-dwana, filwaqt li jinnota li huwa meħtieġ tisħiħ ulterjuri ta' dawn l-isforzi,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Koordinatur Nazzjonali tal-EMPACT (NEC) biex jiżgura l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet marbuta mal-kriminalità u l-koordinazzjoni nazzjonali effettiva,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni rigward iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u l-prijoritajiet tal-UE marbuta mal-kriminalità fl-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll tal-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE f'pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JAGĦRAF id-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna u l-importanza li tiġi intensifikata u mtejbja l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż pajjiżi importanti ta' orġini u ta' transitu għaldiversi prioritatijiet marbuta mal-kriminalità, u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fl-implimentazzjoni operazzjonali taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE,

FILWAQT LI JAPPELLA lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar l-użu mill-fondi disponibbli, u lill-atturi kollha involuti biex jiżguraw li jingħata finanzjament adegwat fil-ħin biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet operazzjonali u jkunu jistgħu jibdwu fi stadju bikri,

FILWAQT LI JTENNI li għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-konsegwenzi tat-theddid għas-sigurtà interna tal-UE li toħloq l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JILQA' l-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA)⁴ li l-Europol ħarġet fid-9 ta' Marzu 2017, li tinkludi l-prijoritajiet rakkomandati tal-UE marbuta mal-kriminalità skont l-azzjoni 3 taċ-Ċiklu ta' Politika kif ukoll ħarsa ġenerali lejn oqsma prinċipali potenzjali li għandhom jiġu mmirati fi swieq kriminali differenti,

⁴ 6886/17, ADD 1 u 2 (EU RESTRICTED)

FILWAQT LI JINNOTA li l-UE SOCTA turi li aktar minn 5,000 grupp ta' kriminalità organizzata (GKO) li joperaw fuq livell internazzjonali bħalissa qed jiġu investigati fl-UE u li s-swieq kriminali huma dejjem aktar kumplessi u dinamiċi bil-ħolqien ta' gruppi iżgħar u intraprendituri kriminali individwali f'attivitajiet kriminali speċifiċi, partikolarment dawk online. Għalhekk jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-kummerċ online ta' oġġetti u servizzi illeċiti, inkluż oġġetti ffalsifikati, meta jiġu żviluppati l-MASPs u l-OAPs għad-diversi prijoritajiet marbuta mal-kriminalità,

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TAL-prijoritajiet u l-kompiti fil-ġlieda kontra il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja li ġew stabbiliti f'dokumenti strateġiċi, bħad-Dikjarazzjoni ta' Malta mill-membri tal-Kunsill Ewropew dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni: nindirizzaw r-rotta tal-Mediterran Ċentrali, l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda tal-UE 2015-2020⁵ u r-rapporti ta' implimentazzjoni⁶ sussegwenti tagħha, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà⁷ u l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni⁸, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina⁹, ir-rapporti ta' Progress "lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina"¹⁰, l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal ġestjoni tar-risku doganali¹¹, it-Tmien Pjan ta' Azzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Doganali għall-perijodu 2016 u 2017¹², l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE¹³, l-analiżi tar-risjku tal-FRONTEx 2017, il-Pakkett Fruntieri tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2015, il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-traffikar illeċitu fl-armi tan-nar bejn l-UE u r-reġjun tal-Ewropa tax-Xlokk għall-perijodu 2015-2019¹⁴, l-Istrateġija ta' wara l-2016 dwar it-traffikar tal-bnedmin; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u l-Pjan ta' Azzjoni dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward tal-investigazzjoni finanzjarja¹⁵, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali¹⁶, l-Istrateġija tal-UE kontra d-Drogi 2013-2020¹⁷ u l-abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Drogi 2017-2020¹⁸,

-
- ⁵ 9798/15
⁶ 15277/1/16 REV 1, 11001/1/16 REV 1, 9151/16, 14636/15
⁷ 8293/15
⁸ 8961/15
⁹ 8128/16
¹⁰ 13442/16, 14617/16, 15808/16, 5775/17, 6928/17, 8339/17
¹¹ 12644/14 + ADD 1, 15403/14
¹² 13749/3/15 REV 3
¹³ 6225/13
¹⁴ 15516/14
¹⁵ 8777/16
¹⁶ 15412/16
¹⁷ 17547/12
¹⁸ 7379/17 + ADD 1

FIWAQT LI JENFASIZZA li l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dokumenti strateġiċi ta' hawn fuq u l-prijoritajiet preżenti tal-Kunsill iridu jibqgħu konsistenti ma xulxin,

FILWAQT LI JINNOTA li l-atturi kollha involuti jridu jżommu livell ta' flessibbiltà biex jindirizzaw theddidiet mhux mistennija jew emerġenti għas-sigurtà interna tal-UE,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li t-theddidiet li ġejjin minn rabtiet possibbli bejn il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu jenħtieġ li jiġu kunsidrati, partikolarment fir-rigward tat-traffikar tal-armi tan-nar, il-produzzjoni ta' dokumenti falsifikati iżda wkoll attivitajiet kriminali oħra li jiġġeneraw profitti kriminali,

JISTIPULA L-PRIJORITAJIET LI ĠEJJIN, fl-ebda ordni partikolari, għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja bejn l-2018 u l-2021:

1) Il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, billi (1) jitħarbtu l-attivitajiet kriminali relatati ma' attakki kontra sistemi ta' informazzjoni, b'mod partikolari dawk li joperaw fuq il-mudell Crime-as-a-Service u jaħdmu bħala faċilitaturi ta' kriminalità online, (2) jiġi miġġieled l-abbuż sesswali fuq itfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, inkluż il-produzzjoni u t-tqassim ta' materjal ta' abbuż fuq itfal, u (3) jitqiegħdu fil-mira kriminali involuti fi frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas mhux bi flus kontanti, inkluż frodi ta' kards ta' ħlas fuq skala kbira (speċjalment frodi ta' karta-mhux-preżenti), theddid emerġenti ieħor ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li jiffaċilitaw attivitajiet kriminali.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' tliet Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali: (1) Attakki kontra sistemi ta' informazzjoni, (2) Sfruttament sesswali tat-tfal (SST) u (3) Frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti. L-esperjenzi miksubin mill-prijorità taċ-Ċiberkriminalità fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

2) Biex (1) jixxejjew l-attivitajiet tal-Gruppi tal-Kriminalità Organizzata (OCGs) involuti fit-traffikar bl-ingrossa tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina lejn l-UE, (2) jiġu indirizzati n-networks kriminali involuti fit-traffikar u d-distribuzzjoni ta' diversi tipi ta' drogi fis-swieq tal-UE u (3) titnaqqas il-produzzjoni ta' drogi sintetiċi u Sustanzi Psikoattivi Ġodda (SPĠ) fl-UE u biex jiżżarmaw l-OCGs involuti fil-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni tagħhom.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali: (1) Kannabis, Kokaina, Eroina u (2) Sustanzi Psikoattivi Ġodda u Drogi Sintetiċi.

L-esperjenzi miksubin mill-prijoritajiet b'rabta mal-Kokaina, l-Eroina u d-Drogi Sintetiċi fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

3) Biex jixxejjew l-OCGs li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali billi jagħtu servizzi ta' faċilitazzjoni lill-migranti irregolari tul ir-rotot migratorji prinċipali li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE u għewja l-UE, b'attenzjoni partikolari fuq dawk li l-metodi tagħhom jipperikolaw il-ħajja tan-nies, dawk li joffru s-servizzi tagħhom online u li jagħmlu użu minn frodi tad-dokumenti bħala parti mill-mudell tan-negozju tagħhom.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed. L-esperjenzi miksubin mill-prijorità tal-Immigrazzjoni Illegali fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

4) Biex tiġi miġġielda l-kriminalità tal-proprjetà organizzata b'konċentrazzjoni fuq it-tfixkil ta' OCGs ferm mobbli li jwettqu serq organizzat u serq madwar l-UE. Dan għandu jinkludi OCGs li jużaw teknoloġiji ġodda jew kontromiżuri mtejbja li jisfruttaw in-nuqqas tal-interoperabbiltà tal-għodod ta' sorveljanza transkonfinali.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed. L-esperjenzi miksubin mill-prijorità tal-Kriminalità Organizzata Kontra l-Proprjetà fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

5) Biex issir ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (THB) fl-UE għal kull forma ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament sesswali u tax-xogħol kif ukoll il-forom kollha ta' traffikar tat-tfal.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed. L-esperjenzi miksubin mill-prijorità taċ-Ċiberkriminalità fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

6) Biex titfixxkel il-kapaċità tal-OCGs u l-ispeċjalisti involuti fil-frodi tas-sisa u l-frodi Intra-komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC).

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali: Frodi tas-sisa u frodi MTIC. L-esperjenzi miksubin mill-prijorità tal-Frodi tas-sisa/MTIC fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

7) Biex jitfixxklu l-OCGs involuti fit-traffikar, id-distribuzzjoni u l-użu illeċiti ta' armi tan-nar.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed. L-esperjenzi miksubin mill-prijorità tal-Armi tan-Nar fiċ-Ċiklu ta' Politika preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut.

8) Biex jitfixxklu l-OCGs involuti f'reati ambjentali, b'mod partikolari t-traffikar tal-fawna u tal-iskart illeċitu.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed.

9) Biex jiġu miġġielda l-finanzi kriminali u l-ħasil tal-flus u jiġi faċilitat l-irkupru tal-assi, billi b'mod effettiv jiġu kkonfiskati l-profitti kriminali tal-OCGs, b'mod partikolari l-kartelli tal-ħasil tal-flus li joffru servizzi ta' ħasil tal-flus għal OCGs oħra u daww l-OCGs li jagħmlu użu estensiv minn metodi emerġenti ta' pagamenti għodda biex jaħslu r-rikavat minn attività kriminali.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed. Barra minn hekk din il-prijorità ser tiġi implimentata wkoll bħala għan strateġiku minimu orizzontali komuni permezz tal-MASPs u l-OAPs għall-prijoritajiet rilevanti l-oħra kollha marbuta mal-kriminalità. Huwa ferm importanti li tiġi evitata d-duplikazzjoni u li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn dan l-OAP u l-OAPs l-oħra kollha. Għalhekk ser jiġu nominati mexxejja esperti ta' azzjoni dedikati f'kull priyorità biex jimplimentaw l-għan strateġiku fl-OAPs diversi.

L-esperti ta' dan l-OAP jistgħu, meta jkun rilevanti, jiġu mistiedna biex jattendu l-laqgħa ta' OAPs oħra għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fi ħdan l-OAPs kollha. Il-Mutur ta' dan l-OAP ser jorganizza laqgħat orizzontali biex jissaħħaħ l-approċċ f'kull OAP. Il-metodoloġija msemmija hawn fuq ser iġi rieżaminata sal-Ħarifa tal-2019 fil-qafas tal-valutazzjoni ta' nofs it-terminu mill-COSI.

10) Biex jiġi miġġieled il-frodi ta' dokumenti fl-UE, bil-mira tkun fuq l-OCGs involuti fil-produzzjoni u l-forniment ta' dokumenti foloz u ta' frodi lill-kriminali oħra.

Din il-prijorità ser tiġi implimentata bħala priyorità trasversali fis-sessjoni esperta ta' ħidma dwar il-MASP li ser tidentifika l-għanijiet strateġiċi minimi orizzontali komuni kif ukoll permezz tal-OAPs għall-prijoritajiet rilevanti kontra l-kriminalità. Esperti dwar il-frodi tad-dokumenti, fejn rilevanti, jistgħu jakkumpanjaw l-esperti dwar il-prodotti bażiċi biex jiddiskutu l-implimentazzjoni operazzjonali tal-azzjonijiet. Għal din il-prijorità trasversali ser ikollhom jinħatru muturi tal-azzjoni apposta għad-diversi OAPs. Dawn il-muturi tal-azzjoni ser jiffurmaw grupp ta' esperti orizzontali biex jikkoordina l-azzjonijiet operazzjonali fl-OAPs kollha. Il-grupp ta' esperti orizzontali ser jiltaqa' qabel il-workshops tal-OAPs biex jidentifika l-azzjonijiet operazzjonali li ser jiġu inklużi fl-OAPs rilevanti. Il-grupp ser jitmexxa minn Stat Membru volontarju u hu appoġġat mill-Europol u l-Frontex. Abbażi tal-eżitu tar-rieżami tal-metodoloġija ta' priyorità kriminali "finanzi kriminali, ħasil tal-flus u rkupru tal-assi" sal-Ħarifa tal-2019, il-COSI ser jiddeċiedi jekk japplikax l-imsemmija metodoloġija għall-prijorità kriminali tal-UE "frodi tad-dokumenti".

JAGĦTI STRUZZJONIJIET LILL-COSI, fi ħdan il-mandat tiegħu¹⁹ u kif speċifikat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2017 dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja, biex jikkoordina, jappoġġa, jimmonitorja u jevalwa l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) annwali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari kemm għall-valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll dik finali tar-risultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tal- għanijiet strateġiċi,

Il-COSI għandu jiżgura konsistenza fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet operazzjonali meħtieġa għat-tisħiħ tas-sigurtà interna fl-Unjoni, inkluż kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kif ukoll mal-aġenziji tal-UE. Il-COSI jrid ukoll jikkoordina mal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex jiżgura li l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet kontra l-kriminalità tiġi kkoordinata ma' oqsma ta' politika oħra, partikolarment fl-azzjoni esterna tal-Unjoni,

JISTIEDEN lill-korpi preparatorji kollha tal-Kunsill, b'konsiderazzjoni debita għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, biex jieħdu kont ta' dawn il-prijoritajiet fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom,

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-Aġenziji ĠAI u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex iqisu l-possibiltajiet kollha ta' finanzjament sabiex jiġu appoġġati b'mod effettiv l-attivitajiet li ġew maqbulin fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE,

JAPPELLA lill-Istati Membri biex minbarra l-approċċ tradizzjonali bbażat fuq il-ġustizzja kriminali, jużaw b'mod attiv approċċi u strumenti alternattivi u komplementari biex jiġġieldu l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

JISTIEDEN lill-Europol f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex matul l-2019 tħejji analiżi ta' nofs it-terminu dwar it-theddid il-ġdid, emerġenti jew li qed jinbidel, b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet tal-UE kontra l-kriminalità permezz tal-produzzjoni ta' rapport interim lill-Kunsill.

¹⁹ ĠU L 52, 3.3.2010, p. 50